

31983L0201

L 112/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.4.1983

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI**tat-12 ta' April 1983****li tistabbilixxi eċċezzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE għal ċerti prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam**

(83/201/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat li d-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 fuq problemi tas-saħħa li jaffettwaw kummerċ intra-Komunitarja fil-prodotti tal-laħam ⁽¹⁾, u partikolarment Artikolu 8 tagħha,

Billi jista' jkun deċiż skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 18 tad-Direttiva 77/99/KEE li xi dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva m'għandhomx japplikaw għal ċerti prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss tal-laħam jew prodotti tal-laħam;

Billi l-perċentwal ta' laħam frisk jew prodotti tal-laħam fi prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss tal-laħam jew prodott tal-laħam għandu jkun determinat bħala rapport ta' laħam frisk jew prodott tal-laħam dieħel 'il ġewwa sal-prodott finali; billi, għal ċerti prodotti, li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss tal-laħam jew prodott tal-laħam u li huma disidratati jew konċentrati fl-istadju tal-produzzjoni u ikliet lesti għall-konsum, il-prodott finali għal dan il-kalkolu huwa l-prodott lest għall-użu wara l-preparazzjoni skond l-istruzzjonijiet għall-użu tal-fabbrikant

Billi, wara li jitqiesu n-natura u l-komposizzjoni tal-prodotti, eċċezzjonijiet għandhom jithallex għal ċerti prodotti;

Billi dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jirrelataw biss għall-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti kif preskritti fil-Kapitolu I ta' Anness A, il-ħtiġiet ta' l-ispezzjoni deskritti fil-Kapitolu IV u V ta' Anness A, u l-ħtiġiet għall-marka tas-saħħa u ċ-ċertifikat tas-saħħa kif provdut fil-punti 9 u 10 u Artikolu 3(1) tad-Direttiva 77/99/KEE; billi, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss tal-laħam u prodotti tal-laħam maħsuba għall-kummerċ intra-Komunitarji huma prodotti tajbin preparati minn laħam frisk jew prodotti tal-laħam fit-tifsira tad-Direttiva 77/99/KEE;

Billi prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodotti tal-laħam huma manifatturati jew f'stabbilimenti li jipproduċu dan it-tip ta' prodott esklussivament jew fi stabbilimenti li jipproduċu, flimkien mat-tip ta' prodott fuq imsemmija, ukoll prodotti tal-laħam u/jew oġġetti ta' l-ikel li ma jkollhomx laħam jew prodott tal-laħam; billi dawn it-tip ta' prodotti jistgħu jkunu preparati f'partijiet separati ta' l-istess stabbiliment;

Billi l-istabbilimenti li jipproduċu prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir tal-laħam jew prodott tal-laħam, li jħarsu bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/99/KEE, għandhom ikunu permessi li jużaw l-eċċezzjonijiet msemmija fl-Artikolu 8(1)(ċ) ta' dik id-Direttiva;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

(¹) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tippreskrivi liema dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/99/KEE m'għandhomx jgħoddu, bis-saħħa ta' Artikolu 8 tagħha, għal ċerti prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam.

Artikolu 2

Prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam għandu jfisser prodott b'mhux aktar minn 10 % (w/w) ta' laħam jew prodott ta' laħam 'il ġewwa fir-rigward għall-prodott finali għall-użu wara l-preparazzjoni skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant għall-użu.

Artikolu 3

Għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti li jimmanifatturaw prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam:

1. Il-kondizzjonijiet preskritti f'Anness A, Kapitolu 1 tad-Direttiva 77/99/KEE għandhom jikkonċernaw biss dik il-parti ta' l-istabbiliment fejn laħam frisk jew prodott tal-laħam huwa riċevut, maħżun, mqandel u inkorporat fil-prodotti tal-laħam u/jew prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam, u fejn dawn il-prodotti huma proċessati jew maħżuna.
2. (a) Fil-każijiet fejn il-produttur juża biss prodott li jkunu għaddew trattament komplet għall-preparazzjoni ta' prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss tal-laħam jew prodott tal-laħam, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-kmamar ta' tkessiħ msemmija taħt Anness A, Kapitolu I, paragrafu 1 (a) (i) tad-Direttiva 77/99/KEE mhumiex meħtieġa.
- (b) Sakemm ma jkunx hemm effett deleterju fuq il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, l-istess kamra tista' tintuża għall-operazzjonijiet li għandhom isiru fi kmamar separati msemmija f'Anness A, Kapitolu I, paragrafu 2 (a), (b), (ċ), (d), (e), (g) u (h) tad-Direttiva 77/99/KEE.

L-eċċezzjonijiet taħt (a) u (b) japplikaw biss għal dik il-parti ta' l-istabbiliment li jipproduċi prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam.

3. Jekk l-istabbiliment jimmanifattura wkoll prodott ta' l-ikel oħra li ma kollhomx laħam jew prodott tal-laħam, il-kmamar msemmija f'Anness A, Kapitolu I, paragrafu 1 (ċ), (e), (i), (l),

(n) u (o) u stallazzjonijiet ta' (f), (g), (h) u (k) tad-Direttiva 77/99/KEE, li huma meħtieġa għall-prodotti msemmija f'Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, jistgħu jkunu komuni mal-kmamar u l-istallazzjonijiet għall-manifattura ta' prodott li ma jkollhomx laħam jew prodott tal-laħam. Iżda, l-awtorità kompetenti msemmija taħt (6) f'Artikolu 3(1) tad-Direttiva 77/99/KEE għandha jkollha aċċess għal dawn il-kmamar u stallazzjonijiet.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-numru ta' l-approvazzjoni veterinarja ta' l-istabbilimenti jew dawn il-partijiet ta' l-istabbilimenti approvati skond din id-Direttiva huma preċeduti bil-figura 8 segwita b'sing (i.e. "8-").
5. In-numru ta' approvazzjoni veterinarja ta' stabbilimenti li jħarsu fis-siġħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/99/KEE, jistgħu jkunu preċeduti bil-figura 8 segwita b'sing (i.e. "8-") għall-finijiet tal-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti koperti b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Għall-prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam, Anness A, Kapitolu IV tad-Direttiva 77/99/KEE għandu jgħodd; iżda, għall-finijiet tal-paragrafu 22, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi fuq perjodi li matulhom għandhom jittwettqu. Għal dan l-iskop l-awtorità kompetenti għandha tqis il-perjodi li matulhom laħam frisk jew prodott tal-laħam u prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam huma introdotti, maħżuna, mqandla u preparati fl-istabbilimenti u s-supervizzjoni għandhom jgħoddu biss għall-parti ta' l-istabbiliment approvat skond din id-Direttiva.

Il-produttur għandu jiddikjara lill-awtorità kompetenti l-perjodi li matulhom laħam frisk jew prodott tal-laħam u prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam huma introdotti, maħżuna, mqandla u preparati fl-istabbiliment tiegħu.

Artikolu 5

1. Għall-istabbilimenti li jipproduċu prodott li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u perċentwal żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam, iċ-ċertifikat tas-saħħa provdut taħt (10) f'Artikolu 3(1) tad-Direttiva 77/99/KEE m'għandux jenħtieġ għal dawn il-prodotti jekk il-marka tas-saħħa hija kompletata billi jiġi prefiss in-numru 8 segwit b'sing (i.e. "8-") qabel in-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw l-Istati Membri oħra u lill-Kummissjoni ta' l-istabbilimenti li jużaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1984 u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' April 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni